MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 115/2003/1

**Proinvest Limited**

**v.**

**Giljan Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici pprezentata fl-4 ta’ Frar 2003, li taqra hekk:

“Peress illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ sitt elef sitt mija tmienja u tletin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm6638.75) rapprezentanti

bilanc dovut wara servizzi resi wara ftehim bejn il-partijiet (Dok. A);

“Peress li ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut l-konvenut naqas li jhallas;

“Peress li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jipprezenta ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond Artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok D);

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi

“(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

“(2) Tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef sitt mija tmienja u tletin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm6,638.75) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat;

“Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.”

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Frar 2003 (fol. 22), li bis-sahha tieghu, wara li qieset li l-konvenut ghandu eccezzjonijiet x’jaghti, akkordatlu ghoxrin jum biex jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 23) li in forza taghha ecepixxa illi;

“Illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tal-bilanc ta’ Lm6,638.75c hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet :

“a) l-ahhar kont tas-socjeta` attrici kien tal-15 ta’ Lulju 2002 fl-ammont ta’ Lm5,827.57c inkluz il-vat u dan skond l-anness dokument markat GA1;

“b) s-socjeta` attrici kellha l-inkarigu minghand il-konvenut li jaghmel xoghol ta’ turnkey fil-*flat* li jinsab 14, Tigne` Place, Apartment 504, Tigne` Street, Sliema li kien xtara gebel u saqaf u dan skond il-*bill of quantities* hawn anness u markat Dok. GA 2;

“c) s-socjeta` attrici naqset li tesegwixxi x-xoghlijiet skond l-arti u s-sengha u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-perit inkarigat mill-konvenut, il-Perit Martin Debono li kopja tar-rapport tieghu qed jigi anness u markat Dok GA 3;

“d) inoltre jigi rilevat ukoll li l-istess socjeta` attrici, minkejja struzzjonijiet kuntrarji, ezegwit certu xoghlijiet bhal li *skirting* kollu ta’ mad-dar, b’materjal li assolutament il-konvenut ma xtaqx. Difatti minkejja dan s-socjeta` attrici xorta ghamlet dan l-i*skirting* tal-injam u dan meta l-konvenut kien ghamilha cara li minhabba l-hasil tal-art huwa ma kienx ser jissogra jaghmel dan l-i*skirting* tal-injam;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b’rizerva ta’ prezentazzjoni ta’ dokumenti ulterjuri;

“Illi l-konvenut m’ghandux ibaghti spejjez;”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Ottubru 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi;

“.......tilqa’ in parte it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenut u billi tilqa’ in parte it-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elef erba’ mija sitta u erbghin Lira u disgha u erbghin centezmu (Lm5,446.49) rapprezentanti in kwantu ghal erbat elef sitt mija hamsa u tletin Lira u wiehed u tletin centezmu (Lm4,635.31) il-bilanc li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici u in kwantu ghal tmien mija u hdax-il Lira u tmintax-il centezmu (Lm811.18) l-ammont imhallas mis-socjeta` attrici lis-socjeta` Mystique Interiors fuq xoghlijiet ta’ purtieri li din is-socjeta` ghamlet ghall-

konvenut gol-*flat* tieghu. Il-konvenut ghandu jzomm ammont eqwivalenti ta' hmistax fil-mija ta' kemm gew jiswuh iz-zokklatura, il-bibien u l-kcina sa kemm jigu rimedjati id-difetti f'dawn l-*items* mis-socjeta` attrici. Dan l-ammont ta' hmistax fil-mija tal-ammont li gew jiswew iz-zokklatura , il-bibien u il-kcina jammonta ghal tmien mija wiehed u tmenin Lira u sitta u sebghin centezmu (Lm881.76). Is-socjeta` attrici ghandha tirrimedja d-difetti kif spjegat fir-rapport tal-Perit Tekniiku taht is-sorveljanza u l-approvazzjoni tal-istess Perit Tekniku il-Perit Godwin Abela u meta d-difetti jigu rimedjati a sodisfazzjon tal-istess Perit Tekniku l-konvenut ghandu jhallas is-somma fuq imsemmiija ta' tmien mija wiehed u tmenin Lira u sitta u sebghin centezmu (Lm881.76) lis-socjeta` attrici.

"L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal terz mis-socjeta` attrici u in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Illi rrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenut xtara appartament li jinsab 14, Flat 504, Tigne` Place, Tigne` Court Sliema u nkariga lis-socjeta` attrici f'Gunju tal-2001 sabiex taghmillu x-xoghlijiet kollha li kien fadal f'dan il-fond. Il-ftehim kien illi s-socjeta` attrici kellha tlesti l-*flat* minn kollox inkluz l-ghamara u taghti c-cavetta lill-konvenut bil-*flat* lest biex jidhol joqghod fih.

"Illi sakemm tlestew ix-xoghlijiet il-konvenut jallega illi hallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittax-il elf sitt mija u tlieta u hamsin Lira Maltin (Lm16,653).

"Illi kien hemm xi xoghlijiet illi kienu diga` saru jew li kellhom isiru mill-bejjiegh tal-*flat* a favur il-konvenut. Il-konvenut inkariga lis-socjeta` attrici sabiex tipprepara d-disinn tax-xoghlijiet li kien fadal u a bazi ta' dawn is-socjeta` attrici ppreparat l-offerta taghha ghall-konsiderazzjoni tal-konvenut. Wara dan l-ezercizzju kien jonqos li jintaghzel il-madum tal-art u tal-kmamar tal-banju u tax-*shower* u f'Mejju 2001 il-konvenut u martu marru

flimkien ma’ Mark Micallef ghas-socjeta` attrici ghand id-ditta Satariano Limited, fejn il-konvenut u martu ghazlu l-kwalita` tal-madum kollu inkluz tal-art u Mark Micallef ghas-socjeta` attrici ghazel biss il-kuluri. Kemm il-madum tal-art, kif ukoll il-madum tal-kmamar tal-banju u tax-*shower* kienu *on display* fix-*showroom* tad-ditta Satariano u gew ezaminati u approvati mill-konvenut u martu.

“Illi f’Mejju ta’ dik l-istess sena is-socjeta` attrici rceviet l-offerta minghand id-ditta Satariano u inharget l-ordni lil Satariano Limited f’Gunju 2001.

“Illi fid-19 ta’ Gunju 2001 is-socjeta` attrici u l-konvenut iffirmaw kuntratt ta’ appalt u mal-firma ta’ dan il-kuntratt il-konvenut ghadda bhala depositu lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500).

“Illi s-socjeta` attrici ghamlet din il-kawza ghaliex tikkontendi li ghad fadlilha tiehu bilanc minghand il-konvenut ta’ sitt elef sitt mija tmienja u tletin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm6,638.75),

“Illi l-konvenut ma hallas dan l-ammont ghaliex qieghed jikkontendi illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti fosthom il-bibien li ma sarux skond il-materjal miftiehem, il-madum tal-art kollu mewg u jista jkun min qieghed il-madum qeghdu hazin, jew il-madum innifsu mhux tal-kwalita` patwita, kif ukoll, *inter alia*, illi s-socjeta` attrici ghamlet xoghol minghajr kunsens tal-konvenut fosthom *skirting* tal-injam mal-post kollu u ta’ dan l-i*skirting* biss is-socjeta` attrici qeghda tippretendi l-hlas ta’ elf mija sebgha u erbghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm1,147.79). Il-konvenut ghamel diversi ilmenti ohrajn bhal li l-bibien huma difettuzi, il-wicc tal-kcina ma kellux isir tal-irham, l-i*skirting* tal-kcina huwa kollu imgannat, ma inghatax mejda u siggijiet tal-kcina, meta skond hu dawn kienu inkluzi fil-prezz, kellu ibiddel il-*flushings* ghaliex ma kienux jahdmu. Kellu jbiddel ukoll it-*toilet seat* li ma kienx jaqbel mat-*toilet* u l-*wall fittings* li saru fuq pjanti tas-socjeta` attrici kellhom jitghattew bl-ghamara u ghalhekk il-*fittings* ma setghux jitwahhlu.

“Illi l-konvenut qabbad lill-Perit Martin Debono bhala perit *ex parte*, izda hadu fuq il-post minghajr ma informa lil Mark Micallef bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici biex jattendi u effettivament l-access sar mill-Perit Martin Debono fl-assenza ta’ Mark Micallef.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti fliet u ezaminat sew ir-relazzjoni pprezentata u kkonfermata bil-gurament mill-Perit Godwin Abela.

“Illi l-Perit Abela silet punti li deherlu li kienu rilevanti mix-xhieda li huwa gabar u mix-xhieda wkoll illi kien hemm prodotta fil-process.

“Illi Mark Micallef ghas-socjeta` attrici esebixxa l-offerta ta’ Satariano bhala Dok AMM 2 flimkien mal-affidavit tieghu u xehed illi fuq din l-ordni ma hemmx inkluz *skirting* tac-ceramika. Is-Sur Micallef xehed ukoll illi kien iltaqa mal-konvenut fis-16 ta’ Mejju 2001 biex jiddiskutu d-disinn tal-bibien interni u kienu marru Portomaso fejn kien wera lill-konvenut bibien simili hlief illi l-bibien li urih kellhom biss hgieg fuq il-panew ta’ fuq. Huwa xehed li fit-28 ta’ Mejju 2001 kien iltaqa mal-konvenut biex jiddiskutu l-offerta taghhom u cioe` tas-socjeta` attrici, pero` l-konvenut ma kienx f’posizzjoni li jinfinalizza peress li kien hemm xi dewmien biex jigi kompletat l-appartament min-naha tal-kuntrattur. Il-kuntratt gie eventwalment iffirmat fid-19 ta’ Gunju, 2001 u gie esebit bhala Dok AMM 4. Mark Micallef ghas-socjeta` attrici kompla jixhed illi wara li gie ffirmat dan il-kuntratt kien hemm pawza sat-22 ta’ Ottubru, 2001 peress li l-kuntrattur ma kienx ghamel ix-xoghlijiet kollha li kien wieghed lill-konvenut u l-kisi kellu jsir minn Gharbi li qabbad il-konvenut u t-torba giet impoggija u mifruxa mis-socjeta` attrici fis-17 ta’ Ottubru, 2001. Is-Sur Micallef xehed ukoll illi biex jigu spustjati xi dwal il-konvenut kien qabbad ragel li kien imur jahdem wara x-xoghol b’mod irregolari. Huwa kompla jixhed li l-madum wasal fuq is-sit fil-25 ta’ Ottubru 2001 u t-tqeghid tieghu tlesta sat-12 ta’ Dicembru 2001. Wara jumejn illi kien tqieghed tal-madum tal-art il-konvenut kien qal lis-Sur Micallef li min kien qed ipoggi l-madum ma kienx kuntent bix-xoghol u ghalhekk

Mark Micallef talab l-ghajnuna ta’ Satariano li qalulu li dak it-tip ta’ madum kellu dak l-effett u li dan kien ezatt bhall-kampjun espost fix-*showroom* li kienu raw l-konvenut u martu. Mark Micallef kompla jixhed illi spjega dan kollu lill-konvenut u qallu li jekk kien hemm xi haga li mhux toghgbu kellu jghidlu, izda il-konvenut ma qallu xejn aktar. Meta tal-madum spicca mit-tqeghid is-Sur Micallef kien gieghlu jaqla xi sitta jew seba’ madumiet u jibdilhom. Il-konvenut eventwalment kien sab kirja tajba ghall-appartament u talab lis-socjeta` attrici biex jiddizinjawlu kcina, l-ghamara tal-*flat* u ix-xiri u t-twahhil tad-dawl u l-*appliances*. Is-Sur Micallef xehed illi kienu provdewlu zewg disinni ghall-kcina li minnhom il-konvenut ghazel wahda li giet ipprezzata elfejn mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm2,250) eskluz il-VAT. Fl-4 ta’ Frar 2002, skond is-Sur Micallef, il-konvenut talbu biex isir inventarju tal-appartament inkluz dawk l-affarijiet li kienu ghadhom ma nxtrawx u biex jinghatalu *budget* ghal kollox, liema ezercizzju, skond is-Sur Micallef, sar fil-prezenza tal-konvenut fl-ufficju tas-socjeta` attrici. Is-Sur Micallef xehed li l-konvenut kien qallu li hu kien qal lil min ser jikri li kien ser jqieghed zewg *airconditioners*. Is-Sur Micallef xehed li fuq talba tal-konvenut l-inventarju li huwa esebixxa bhala Dok AMM6 intbaghat lil-agent tal-proprjeta`. Il-konvenut talabhom biex jassistuh fix-xiri tal-ghamara ghal tlett kmamar tas-sodda, liema xiri sar direttament mill-konvenut minghand Idea Casa fit-13 ta’ Frar 2002. Is-Sur Micallef xehed ukoll illi fuq talba tal-konvenut huwa mar mal-konvenut ghand Camilleri Paris Mode fid-19 ta’ Frar, 2002 biex jaghzlu u jixtru l-materjal ghall-purtieri, skond id-Dokument esebit AMM 7, u dawn hallas ghalihom il-konvenut. Huwa kompla jixhed illi l-konvenut talbu biex isiblu hajjat malajr u biex jaqdih tah lill-hajjat tieghu stess. Fit-22 ta’ Frar 2002, skond dejjem kif xehed Mark Micallef, il-konvenut talbu biex jixtrilu s-saqqijiet u mhadded ghall-kmamar kollha u fit-28 ta’ Frar, 2002 il-konvenut mar l-ufficju u taghhom l-ordni biex jaghmlulu l-kcina wara li kien gab offerta oghla minghand haddiehor, u din il-kcina kienet ser titlesta fi tlett gimghat. Fis-6 ta’ Marzu 2002 il-konvenut talbu biex isiblu xi hadd tal-*airconditioning* u Micallef qabbad lill-konvenut ma Blye Engineering li nstallaw zewg *airconditioning units* taht is-

supervizjoni tal-istess Sur Micallef. Fit-23 ta’ Marzu 2002 il-konvenut mar l-ufficju tas-Sur Micallef u talab xi tibdil fil-kcina illi dakinhar stess kienet qeghda tigi sprejjata, il-maxtrudaxxa accetta izda talab hlas addizzjonali. Is-Sur Micallef kompla jixhed illi fil-25 ta’ Marzu, 2002 il-konvenut ordnalu biex jixtrilu l-lozor, il-*quilts* u l-*pillow cases*, izda mbaghad fis-26 ta’ Marzu, 2002 il-konvenut kien cempel lil Micallef u qallu biex ma jitolbux aktar flus ghax ma kienx ser ihallsu. Is-Sur Micallef xehed illi pprova jikkuntattja lill-konvenut diversi drabi izda kien kollu ghalxejn, hlief li darba rnexxielu kkellem lil mara tal-konvenut li kienet qaltlu illi l-konvenut kien irrabbjat ghaliex il-bajjad kien laqat iz-zokklatura tal-injam fil-kmamar kollha. Is-Sur Micallef xehed illi huwa kompla xorta bix-xoghlijiet kollha. Il-kcina bdiet tasal fit-28 ta’ Marzu, 2002 u hadmulu tul il-*weekend* tal-Ghid kollu biex titlesta l-installazzjoni kollha. Fl-1 ta’ April 2002 ircevew *fax* minghand il-konvenut illi huwa esebixxa bhala Dok AMM 8 fejn il-konvenut qalilhom li l-kcina ma kienitx lesta u kellu jpoggi lill-klijenti tieghu f’lukanda wara li dawn spezzjonaw l-appartament u qalulu li x-xoghol m’ghogobhomx u li ma kienx tal-i*standard* miftiehem. Is-Sur Micallef baghatlu risposta permezz ta’ *fax* esebit bhala Dok AMM 9 u l-kcina kienet lesta’ fl-4 ta’ April 2002 hlief ghal xi *rack* li waslet tard minghand l-impurtaturi. Kien l-istess kollega tas-Sur Micallef, Andy Kirby, li ha hu stess ic-cwievet tal-*flat* ghand il-konvenut. Kienu saru diversi tentattivi biex jintlahaq ftehim, izda kien kollu ghalxejn. Wara xi tlett xhur is-Sur Micallef xehed li kien hareg l-*invoice* bid-dettalji tax-xoghlijiet. Is-Sur Micallef xehed illi l-konvenut ma kienx hallsu kif lanqas hallas lil tal-*airconditioning* u lill-hajjat; liema hajjat spicca biex hallsu l-istess Sur Micallef. Is-Sur Micallef xehed illi l-konvenut kellu jhallas l-ammont ta’ sitt elef sitt mija u tmienja u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,638.75); liema ammont kien kompost kif gej: is-somma ta’ hamest elef tmien mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm5,827.57) dovuta lis-socjeta` attrici skond id-Dokument AMM 10 u ir-rimanenti somma ta’ tmien mija u hdax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm811.18) dovuta lis-socjeta` attrici li hallset din is-somma lil Mystique Interiors u cioe` lill-hajjat kif jidher mid-

Dokument AMM 11. Is-Sur Micallef xehed ukoll illi l-kuntratt mal-konvenut ma kienx *turnkey project* u huwa jikkontesta r-rapport tal-Perit Martin Debono esebit bhala Dok AMM 12 li acceda fuq il-post minghajr il-prezenza ta' rapprezentant tas-socjeta` attrici. Is-Sur Micallef tenna li x-xoghlijiet imwettqa mis-socjeta` attrici kienu kollha skond il-ftehim kuntrattwali. In kontro-ezami is-Sur Micallef xehed illi originarjament kellu jaghmel ix-xoghlijiet murija f'Dok AMM4 u wara gie mqabbad jaghmel dawk ix-xoghlijiet murija f'Dok AMM 10 u AMM 11. Huwa xehed illi l-ftehim ghax-xoghol *extra* kien kollu verbali, pero` huwa dejjem kien wera il-prezzijiet lill-konvenut hlief ghal xi *items* zghar. Huwa xehed li kien spjega lill-konvenut dwar l-ghamla u l-materjal tal-bibien u l-konvenut kien accetta l-prezz kwotat. Is-Sur Micallef xehed, dwar il-purtieri, illi hu ma kienx qal lill-mara tal-konvenut biex ma tmurx ghand il-B4 Textiles izda kienu marru flimkien ghand Camilleri Paris Mode. Is-Sur Micallef xehed li ma jiftakarx li l-konvenut ried jibdel il-materjal tal-i*skirting* wara li ffirma l-kuntratt jew li dan kellu jsir tac-ceramika ghall-prezz tat-tlett mitt Lira (Lm300). Is-Sur Micallef xehed illi hu ma kellux jaghmel xoghol ta' elettriku, izda ghamel biss xi *modifications* u li ghalihom kellu bzonn il-*layout* tas-sistema kif maghmula mill-Megaline li kienet ghamlet il-blokk tal-appartamenti kollu.

"Illi l-konvenut xehed illi wara li ffirma kuntratt mas-socjeta` attrici kien mar ghand certu Henry Bason fejn kien tah il-parir biex l-i*skirting* tal-injam jinbidel u kien qal b'dan lil Mark Micallef u skond hu dan kien qata l-*item* mill-lista flimkien mat-torba u t-*tiling* tat-terrazzini. Il-konvenut, dwar l-ghazla tal-madum tal-art xehed li hu, flimkien ma' martu, kienu marru jaraw il-madum jitqieghed meta cempillu it-*tilelayer* biex ighidlu skond hu li l-madum kien difettuz. Huwa xehed li Mark mar fuq il-post u waqqaf it-tqeghid sakemm imorru ghand Satariano biex jivverifika il-kwalita` tal-madum. Meta Satariano tahom assigurazzjoni li l-madum kien tajjeb Mark kien qal lit-*tilelayer* biex ikompli u jekk ikun hemm xi madum mibrum jibdlu. Il-konvenut xehed li hu kien imur regolarment jara x-xoghol u wara li spicca t-tqeghid tal-madum kien gab koppja biex jahslu l-art u hargu d-diffetti kollha inkluz li l-fili

ma kienux uniformi. Huwa xehed li meta rega' mar ghand Satariano u qallu bil-kwistjoni Satariano offra biss madum bi skont biex jitwahhal fuq il-madum diga` mqieghed. Huwa xehed illi l-i*skirting* xorta wahda sar bl-injam u Mark qallu li jekk ma jogghbux kien jibdilulu. Il-konvenut ilmenta dwar il-bibien u dwar il-kcina xehed li meta hu qal lill-maxtrudaxxa jibdel xi affarijiet il-maxtrudaxxa bidilhom, izda il-mejda u s-siggijiet qatt ma saru avvolja skond hu kienu inkluzi fil-prezz u baqa' wkoll minghajr l-*istainless steel rack* li qatt ma twahhlet. Il-konvenut xehed li qabbad lil certu Dwardu Decelis biex jaghmel xi xoghol fil-kamra tal-banju u ta' dan kellu jhallsu mija u hamsin Lira (Lm150). Kompla jixhed li meta waslet l-ghamara u tqeghdet f'postha din ghattiet il-*wall fittings* li ma setghux jitwahhlu. Huwa xehed dwar id-dewmien u dwar il-fatt li pprova jasal fi ftehim bonarju ma' Mark izda ma waslux. Xehed ukoll dwar il-hlasijiet li ghamel u in kontro-ezami xehed li l-*extra works*, minbarra l-ewwel kuntratt, kien sar ftehim fuqhom bil-kliem u wara sar kuntratt formali.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Perit Tekniku zamm access fuq il-post in kwistjoni fl-20 ta' Frar 2004 u ha konjizzjoni tal-ilmenti principali tal-konvenut dwar ix-xoghlijiet maghmula mis-socjeta` attrici; liema kostazzjonijiet jinsabu elenkati dettaljatament a fol. 126 tal-process. Il-Perit Tekniku ghamel ukoll sensiela ta' konsiderazzjonijiet dettaljati li jinsabu esebiti a fol. 127 u 128 tal-process.

"Illi l-Qorti thoss illi ghandha tirriproduci il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Tekniku markati paragrafu 15 sa paragrafu 20 minhabba ir-rilevanza partikolari taghhom :

""15. Illi iz-zmien biex jigu kompletati x-xoghlijiet kien determinat mill-fatt li l-konvenut kera l-istess *flat* lil terzi u li dawn dahlu fih immedjatament kif gie kompletat minghajr ma sar *commissioning* professjonali kif suppost; lanqas ma gietipprezentata *snag list* lis-socjeta` attrici wara li nghataw ic-cwievet lura lill-konvenut;

“16. Illi minhabba l-paragrafu precedenti certu xoghlijiet saru bil-ghaggla;

“17. Illi mill-access li sar u l-ilmenti tal-konvenut, hafna mid-difetti vizibbli hlief ghall-madum tal-art, setghu jigu rrangati jew perfezzjonati u dan li kieku inghata zmien bizzejjed li ssir *snag list* u *commissioning* serju minghajr pressjoni u ghaggla ezagerata;

“18. Illi l-ispezzjoni li ghamel il-Perit Debono saret proprju ftit qabel ma nghataw ic-cwievet lura lill-konvenut u li kieku saret fil-prezenza ta' rapprezentant tas-socjeta` attrici, din setghet servit biex issir *snag list* u forsi setghu jigu rrangati certi affarijiet, fil-fatt is-socjeta` attrici lanqas ma nghatat kopja ta' dan ir-rapport;

“19. Illi bl-eskluzjoni tal-art, hafna mill-ilmenti u difetti kienu fil-fatt rimedjabbli.

“20. Illi l-*airconditioning units* ma jidhru f’ebda lista tax-xoghlijiet jew ta' apparat li kellha tissupplixxi s-socjeta` attrici u li dawn huma mertu ta' kawza ohra bejn il-partijiet u ghaldaqstant eskluzi minn din ir-relazzjoni.”

“Ikkunsidrat :

“Illi l-konkluzzjonijiet illi ghalihom wasal il-Perit Tekniku il-Perit Godwin Abela huma s-segwenti :

“(a) Illi fl-opinjoni tieghu l-ilment tal-konvenut dwar il-madum tal-art muhiex gustifikat minhabba l-fatt li l-madum intghazel minnu stess u li l-istess konvenut kien ra l-madum jitqieghed u ma' waqqafx dan ix-xoghol fil-bidu nett meta kien tpogga biss ftit madum;

“(b) Illi fl-opinjoni tieghu hafna mill-ilmenti dwar difetti ohra setghu jigu rrangati, dawn jirrigwardaw is-segwenti items kif murija f’Dok AMM 4 u Dok AMM10:

- item 5 – *skirting* (zokklartura) - Lm1,147.79

- item 15 - *internal doors* (bibien) - Lm2,143.60
- item 19 - *kitchen* (kcina) - Lm2,587.50

---

Total Lm5.878.89

---

"(a) Illi fl-opinjoni tieghu, mill-ammont hawn fuq indikat ghandu jinzamm ammont mill-konvenut ekwivalenti ghal 15% jew Lm881.76, sakemm jigu rimedjati d-difetti tal-*items* hawn fuq elenkati mill-istess socjeta` attrici;

"(b) Illi fl-opinjoni tieghu l-ammont ta' Lm310.50 li jirrigwarda items 32 sa 36 fuq il-lista tax-xogholijiet ghandu jigi mnaqqas peress illi normalment dawn l-*items* ikunu forniti mis-socjeta` attrici bhala parti mis-servizz li taghti lil klijenti;

"(c) Illi l-konvenut ghandu mmedjatament ihallas lis-socjeta` attrici il-bilanc li kien baqa' ta' Lm5,827.57 neqsin Lm881.76 u Lm310.50 u cioe` ta' Lm4,635.31;

"(d) Illi l-konvenut ghandu mmedjatament ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' Lm811.18, liema ammont gie mhallas mis-socjeta` attrici lis-socjeta` Mystique Interiors, fuq xoghlijiet ta' purtieri li din ghamlet ghall-konvenut gol-*flat* tieghu u li ma kienx inkluz fil-lista tax-xoghlijiet li kellha taghmel is-socjeta` attrici kif elenkati f'Dok AMM4 u Dok AMM10."

"Konsiderazzjonijiet Legali :

"Illi skond il-gurisprudenza nostrana l-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim li jkun dahal fih mal-klijent. Permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Mallia v. Fonk" moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1975 fejn il-patti ma jkunux stabbiliti bejn l-imprenditur u l-klijent l-

ezekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur ma kienitx illi kellu jinghata xoghol hazin. Meta u jekk jirrizultaw difetti fir-rizultat finali, l-imprenditur ma jistax jitlob il-hlas jekk id-difetti jkunu ta' entita gravi. Meta d-difetti ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, izda jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz. Il-Qorti rat f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Bezzina v. Cardona" fil-11 ta' Novembru, 1983, sentenza "Mallia v. Magri" moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru, 1989, u sentenza ohra moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Abela v. Scicluna" fil-31 ta' Jannar, 2003.
"Ikkunsidrat :

"Illi sabiex din il-Qorti tista tistabbilixxi l-entita tal-allegati difetti hija hatret kif diga` ntqal Perit Tekniku sabiex jezamina l-fond in kwistjoni u jirrelata dwar l-allegati difetti fix-xoghlijiet. Illi meta jigri hekk l-opinjoni teknika ma ghandhiex facilment tigi skartata mill-Qorti (Il-Qorti rat f'dan is-sens sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet "Calleja v. Mifsud").

"Illi, ukoll, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Borg v. Falzon", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, "konvinzjoni kuntrarja kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami" (vide wkoll sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Saliba v. Farrugia", deciza fit-28 ta' Jannar, 2000).

"Illi una volta stabbiliti dawn il-principji, il-Qorti wara li ezaminat sew il-perizja u r-rapport dettaljat tal-Perit Tekniku il-Perit Godwin Abela, tiddeciedi illi ghandha taghmel dan ir-rapport taghha u taddottah fit-totalita tieghu.

“Il-Qorti tiddikjara illi taqbel mal-fatturi kollha illi l-Perit Tekniku ha in konsiderazzjoni u fil-fehma taghha il-kriterji li uza l-istess Perit Tekniku huma gusti u ragjonevoli.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut, minnu pprezentat fil-5 ta’ Novembru 2007, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellata;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici (fol. 24 tal-atti tal-appell) li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet biex din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2009;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi m’hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti li n-negozju li sehh bejn il-partijiet kien wiehed ta’ appalt li sehh wara li l-konvenut xtara appartament f’Tigne` Court, Sliema u nkariga lis-socjeta` attrici tlestilu l-post ghall-abitazzjoni. Din is-socjeta` attrici qed titlob il-bilanc tal-hlas ghax-xoghol li wettqet, filwaqt li l-konvenut qed jikkontendi li m’ghandux ihallas is-somma mitluba peress li x-xoghol ma giex imwettaq kollu skond l-arti u s-sengha.  Peress li n-natura tal-kawza hi ta’ wahda teknika, l-ewwel Qorti hatret perit tekniku biex jassistiha fl-idagini taghha.  Dan sab li certu xoghol, fil-fatt, ma sarx kif titlob is-sengha, pero`, in-nuqqasijiet ma kienux sostanzjali u rrelata li t-talba tas-socjeta` attrici ghandha tintlaqa’ biss ghas-somma ta’ Lm5,446.49, filwaqt li l-bilanc ta’ Lm881,76 kellu jithallas lis-socjeta` attrici wara li din tirrimedja ghax-xoghol difettuz a sodisfazzjoni ta’ perit inkarigat mill-Qorti. L-ewwel Qorti qablet mar-rapport tal-perit tekniku mahtur minnha u provdiet fis-sens indikat.

Il-konvenut appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti, prattikament fejn din

qalet (i) li ghad-difetti fil-madum tal-art jahti l-istess konvenut ghax hu ghazel l-istess madum; (ii) li ghalkemm is-socjeta` attrici obbligat ruhha li l-bibien ikunu ta’ *solid wood*, il-konvenut kellu jaccetta bibien bil-panewwijiet, ghax hekk hi l-prattika; (iii) li l-konvenut ghandu jaccetta *skirting* tal-injam, avvolja ma riedhomx hekk, (iv) li hu kellu jhallas *extra* ghall-purtieri, meta ghal dawn kien hallas qabel; (v) li hu ghandu jhallas ghall-mejda u s-siggijiet tal-kcina li baqghu qatt ma waslu; (iv) li s-socjeta` attrici kellha taghmel xoghol rimedjali, meta issa l-fiducja fl-istess socjeta` sfaxxat fid-dawl tal-fatt li x-xoghol minnha rikjest ma sarx tajjeb; u (vii) li l-hlas kellu jsir nonostante l-fatt li l-appartament ma kienx lest fil-hin.

Dwar l-ewwel ilment tal-appellant, din il-Qorti taqbel mieghu. L-ewwel Qorti qalet li s-socjeta` attrici mhux responsabbli ghad-difett fil-madum peress li dan intghazel mill-istess konvenut u ma waqqafx ix-xoghol ta’ tqieghed fil-bidu nett meta kien tpogga biss ftit madum. Fil-fatt, pero`, hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x’jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa’ skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet, anke espressi, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u <u>hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol</u>. Fil-fatt, intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.
F’dan il-kaz jirrizulta li l-ghazla ta’ minn fejn kellu jinxtara l-madum u tal-istess madum saret minn Mark Micallef, persuna inkarigata mix-xoghol mis-socjeta` attrici, u l-konvenut gie mibghut fil-post biex jara joghgbux. Il-konvenut ra l-madum fuq *boards* wieqfa fejn kienu *on display*, u bhala konsumatur ma kienx mistenni li hu jkun jaf li meta jitqieghed f’postu d-disinn jidher bil-mewg u ma kienx jigi wicc unit izda b’*gap* bejn maduma u ohra li tehel

saqajk maghha. Hu obbligu tal-appaltatur li jispjega lill-klient l-effett tal-madum maghzul darba jitpogga fl-art. Inoltre, meta beda jitpogga l-madum fl-art, it-*tile layer* inkarigat irrimarka li x-xoghol kien gej b'imperfezzjonijiet, u l-konvenut informa lill-Mark Micallef x'kien qallu t-*tile layer*. Dan tal-ahhar qal lill-konvenut biex, lit-*tile layer* ihallieh ighid, u qal lill-istess konvenut biex ma jkellimx lit-*tile layer*, u jekk ghandu xi kumment ighid lilu.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Muscat v. Cuschieri** deciza fis-26 ta' Mejju 2006, "min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jformi, inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza." Hekk ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg noe v. Pillow noe** deciza fl-10 ta' Ottubru 2008, qalet li appaltatur ma ghandux jadopera materjali mhux tajba fl-ezekuzzjoni tax-xoghol: "Dan ghaliex l-ezekuzzjoni ta' appalt skond l-arti u s-sengha necessarjament tinkludi d-dover li min iforni l-materjal li ser jintuza fl-appalt, iforni dejjem materjal li jkun adatt u idoneju ghal post li fih ser jitpogga."
Anke jekk il-kommittent insista li ried dak il-madum (haga li ma tirrizultax), l-appaltatur kellu obbligu jispjegalu b'mod car il-konsegwenzi tal-uzu ta' dak it-tip ta' madum, u ghandu anke jiddesisti milli jwettaq ix-xoghol jekk jirrealizza li r-rizultat mhux se jkun sodisfacenti. Hekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Francica v. Buhagiar et** deciza fit-28 ta' April, 2004 osservat li:

*"...bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu konness fis-sens li huwa <u>ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti</u>. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol, dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent."*

(Sottolinear ta' din il-Qorti).

La darba rrizulta li l-madum kien difettuz, anke b'fili mhux uniformi li rrizulta wara l-hasil tal-istess madum, is-socjeta` attrici ma tistax tippretendi hlas daqslikieku x-xoghol sar sewwa.

L-ilment dwar il-bibien jimmerita wkoll li jkun milqugh. L-ordni saret ghall-bibien *solid wood*, pero` jirrizulta li ma gewx installati bibien b'injam *solid*, u kienet biss il-qoxra ta' barra li kienet tal-injam ordnat. Il-perit tekniku spjega li meta jinghad li l-bibien ikunu ta' *solid wood*, fil-prattika dan ifisser li l-bieb ikollu l-qafas maghmul minn injam shih ta' kwalita` prima u l-panewwijiet ikunu ta' materjal b'anqas hxuna u kwalita` inferjuri; hu jghid li l-prezz indikat mis-socjeta` attrici jirrifletti dan it-tip ta' bieb.
Din il-Qorti tara' li ghal min hu fil-mestjier, jista' jkun li bieb *solid wood* ifisser kif qal il-perit, pero` ma giex muri li ghall-konsumatur bieb b'din id-deskrizzjoni ma jfissirx li hu tat-tip kollu *solid*. Meta konsumatur ordinarju jordna bibien *solid beech*, bir-ragun jippretendi *solid beech* fil-bieb kollu u mhux fil-qafas biss: din li tfisser li bieb ikun tal-injam *solid*! Jekk is-socjeta` attrici kellha f'mohha bieb differenti milli hu ndikat mill-kliem, kellha tispjega dan b'mod car lill-konvenut. Kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Spiteri v. Associated Supplies Ltd** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003, fil-kuntest tal-obbligi ta' vendituri:

*"......l-venditur irid mhux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ippogieh f'posizzjoni li jeffetwa l-ghazla informata li hi l-aktar idonea ghalih, izda li dejjem jagixxi in buona fede fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalih u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju."*

Hekk ukoll fil-kawza **Debattista noe v. JK Properties Ltd** deciza mill-istess Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal li fl-izvolgiment tal-trattattivi hu mistenni li l-partijiet igibu ruhhom bil-bona fede; din il-bona fede trid tigi intiza f'sens oggettiv bhala regola ta' kondotta li l-partijiet iridu josservaw ukoll fl-ambitu tal-fazi pre-kontratwali.

Dan kollu jghodd ukoll ghall-kaz in dizamina.  Ma giex muri li l-konvenut kien tas-sengha u li kien jaf xi jkun ifisser fil-mestjier bid-deskrizzjoni ta' bibien *solid wood;* kwindi kien obbligu tas-socjeta` attrici tindika bi preciz x'kienet se taghti; mill-fatt li l-appaltatur wera lill-konvenut bibien "simili", ma jistax jigi mnissel li l-konvenut fehem l-istruttura interna tal-bibien.  Il-frazi *solid wood*; fil-kuntest ta' bieb, tfisser bieb tal-injam mastizz, kollu kemm hu, u la lill-konsumatur ma giex spjegat mod iehor, hu dak il-prodott li kellu jinghata.

Dwar it-tielet ilment, hawn ukoll l-konvenut appellant ghandu ragun.  Hu ma riedx *skirting* tal-injam, izda hekk thalla fil-post.  Il-konvenut kien talab lill-Mark Micallef biex dan inehhi u jbiddel l-i*skirting* u fil-fatt, jirrizulta li dan ta ordni lill-haddiema tieghu sabiex jaghmlu appuntament mal-mastrudaxxa u jaqalghu l-i*skirting*; dan ix-xoghol baqa' ma sarx.  Din il-Qorti ma tarax li allura il-konvenut ghandu jhallas ghall-istess daqslikieku x-xoghol sar kif riedu hu.

L-ilment tal-purtieri ma jirrizultax gustifikat, peress li mill-provi jirrizulta zgur li l-konvenut hallas ghall-materjal, filwaqt li lill-hajjat kien hallsu s-Sur Micallef tas-socjeta` attrici.  Is-somma ta' Lm811.18 kienet giet mhallsa lil Mystique Interiors ghall-hjata, u ma jirrizultax, kif allega l-konvenut, li l-hlas ghal dan kien sar preventivament.  Min-naha l-ohra, l-ilement dwar il-mejda u s-siggijiet hu gustifikat, ghax filwaqt li l-pjanta tal-kcina li ordna l-konvenut kienet turi kcina kompluta b'mejda u siggijiet, dawn tal-ahhar baqghu ma waslux.

Rigward iz-zmien li fih kellu jitlesta x-xoghol fl-appartament, ma jirrizultax li mal-kuntratt gie miftiehem zmien definit.  Eventwalment, il-konvenut sab kirja tajba ghall-*flat*, u d-data li fiha l-inkwilin kellu jidhol fil-*flat* giet stabbilita bhala l-gurnata li fiha x-xoghol kellu jkun lest.  L-inkwilin dahal fil-post hekk kif ix-xoghol kien suppost lest, minghajr, pero`, ma lahqet saret *commissioning* professjonali tal-istess.  Kif xehed il-perit Martin Debono, imqabbad mill-konvenut, kien evidenti li l-post kien jonqsu hafna *finishing*, tant li rrelata li x-xoghol ma kienx *up to the*

*standard of the respective trade*. Dan jista' jkun ghax, lejn l-ahhar, certu xoghol sar bil-ghagla, pero` l-appaltatur ma messux accetta l-imposizzjoni ta' terminu f'nofs l-appalt jekk ma kienx kapaci li jittermina l-istess appalt fi zmien lilu indikat b'xoghol tajjeb u utili.

Meqjus dan kollu, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut, li ma jkunx jaqbel, fid-dawl ta' deterjorazzjoni fil-fiducja reciproka bejn il-partijiet li s-socjeta` attrici tinghata l-opportunita` tirrimedja ghax-xoghol, anke ghaliex il-post issa beda jinkera u jintuza ghall-okkupazzjoni tal-klienti tal-konvenut. Il-gurisprudenza, f'sitwazzjonijiet simili, tippermetti jew li l-appaltatur jitlob li jirripara ghad-difetti, jew li jaccetta riduzzjoni fil-prezz (ara **Busuttil v. Fedele**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April 1968, u **Bonnici v. Sammut**, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Gunju 1994, fost ohrajn). Fic-cirkostanzi, jaqbel li tigi adottata l-ahhar soluzzjoni.

Dwar l-ammont ta' tnaqqis, is-sitwazzjoni hi ftit nebuluza, ghax hafna mix-xoghol lamentat ghadu fil-post u qed jintuza, u hija d-dehra generali tal-post u d-dettal li l-aktar li huwa mankanti. Il-konvenut naqas li ma nsisthiex ghall-kuntratt dettaljat u preciz, u lanqas ma gie miftiehem fil-bidu meta x-xoghol kellu jkun lest. Il-ftehim kien wisq dipendenti fuq ir-rieda tajba tal-partijiet u saru wkoll zidiet fl-inkarigu tul it-twettieq tal-appalt. Il-konvenut ukoll kien qed jara li x-xoghol ma kienx gej kif xtaq, tant li ressaq diversi ilmenti tul il-kors tal-appalt, imma ma approfittax ruhu mill-fakolta` moghtija lilu bl-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili li jholl, meta jrid, il-kuntratt. Din il-Qorti ghalhekk tara li ghandha tipprovdi ghat-tnaqqis *arbitrio boni viri*, u tordna lill-konvenut ihallas €4,000 ghas-saldu tal-pretensjonijiet attrici kif dedotti f'din il-kawza.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti ma tarax li jidhol fil-parametri ta' din il-kawza l-ilment tal-konvenut li ma nghatax ricevuta tal-VAT ghall-pagament akkont li ghamel fil-kors tal-esekuzzjoni tal-appalt.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqa' l-istess in parte fis-sens li

tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tipprovdi billi tilqa’ t-tieni talba tas-socjeta` attrici limitatament fis-somma ta’ erbat elef Ewro (€4,000), u tordna lill-konvenut ihallas din is-somma lis-socjeta` attrici ghas-saldu tal-pretensjonijiet attrici dedotti f’din il-kawza.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in Prim Istanza, jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^2/_3$) mis-socjeta` attrici u terz ($^1/_3$) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------